# Birkirkara u Niesha

## SAL

* Fl-antik kien hawn flus magħrufa bħala "Munita Elenjana", bix-xbiha ta' Santa Liena fuqhom u li aktarx saru miz-zekka tal-Musulmani, u mhux tal-Biżantini kif kien maħsub qabel. Fl-1698 fl-Imdina kien instab teżor kbir li kien fih 14½ rtal ta' muniti u medalji ta' Santa Liena, kollha tad-deheb.

Aktar qabel, fl-1526, ċertu Ġanni Scarpa, Malti li kien jaħdem id-deħeb, ġie mressaq quddiem il-Qrati u akkużat li kien xtara u żamm fil-pussess tiegħu kwantità ta' muniti ta' Santa Liena li kienu nstabu f'Malta fiż-żminijiet imgħoddija. Il-Qorti ordnat lil dan Scarpa biex irodd lura dan it-teżor lill-Kunsill Popolari (li kien il-Gvern ta' Malta f'dak iż-żmien), kif jirriżulta min-Notizzjarju XXVII (paġna 869) fl-Arkivju tal-Katidral, l-Imdina.

* L-isem "Birkirkara" huwa wieħed mill-ftit postijiet li qatt ma kellu l-kelma "Ħal" quddiemu, bħalma kellhom fil-qedem u għad għandhom xi rħula Maltin.

* Fil-15 ta' April 1890, xahrejn wara li miet f'Birkirkara l-magħruf latinista Dun Ġużepp Zammit "Brighella", li ried jindifen fil-Kor tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara biex juri li l-imħabba kbira li kellu lejn il-Kapitlu, il-Kleru u l-Poplu Elenjan, il-Kanonku Dun Orazju Galea, f'isem l-istess Kapitlu, talab lill-Mons. Franġisk Saverju Vassallo biex jikteb l-iskrizzjoni bil-latin li naqraw taħt il-pittura taż-żejt ta' "Brighella" fis-Sagristija tal-Bażilika. Qabel ma' miet "Brighella" stess kien ħalla din il-pittura lil Birkirkara.

* Skond il-kommendatur Fra Ġwann Alcutorn, Kavalier li kien il-Kaptan ta' Birkirkara in-nies ta' Birkirkara kienu miġġieldin ma' tan-Naxxar għax jgħidu li huma (il-Karkariżi) kienu l-ewwel li saru Insara meta San Pawl ġie Malta. Birkirkara kellha bħala titular lil Santa Liena l-Qadima. Iżid jgħid li Birkirkara u n-Naxxar fl-antik ma' kienux fejn huma llum, iżda aktar qrib il-baħar. F'xi żmien qabel l-1402 il-Karkariżi kellhom jersqu iżjed il-ġewwa fil-qalba tal-gżira biex jeħilsu mill-attakki li kienu jgħamlu l-kursari.

L-istoriku Gan Franġisk Abela, fid-Deskrizzjoni tiegħu ta' Malta li ġiet stampata fl-1647, jgħid kważi l-istess kliem: "Dan (l-Aarar, jew l-Għargħar) kien il-post fejn kienet Bircircara fiż-żmienijiet imgħoddija, li imbagħad resqet fejn hi llum biex taħrab mill-attakki spissi u mill-invazjonijiet kontinwi li kienu jagħmlu l-kursari ta' Barberija minn ġol-port ta' Marsamxett." L-istess Abela jżid jgħid li hu kien ra xi bini fl-Għargħar, u dan ġegħlu jemmen li f'xi żmien kien hemm raħal medjevali f'dawk l-inħawi. Dan jixħduh ukoll xi isminijet madwar Birkirkara li juru li kien hemm mill-inqas ħames irħula oħra fil-qrib: Ħal Ġer, Ħal Tigan, Ħal Msida u Ħal Sajjied. Milli jidher dawn l-irħula ġew fix-xejn ilu ħafna, waqt li raħal ieħor Ħal Sammut, baqa' jeżisti għall-inqas sa l-1419. Raħal ieħor żgħir fin-naħa t'isfel ta' Birkirkara, Ħal Kaprat, jidher li kien għadu bin-nies sas-Seklu XVI, imma kien ġie mitluq fiż-żgur qabel is-sena 1610.

Hu maħsub li l-Knisja tal-Parroċċa l-antika ta' Santa Liena fl-Għargħar kienet mibnija qrib it-torri Ruman magħruf bħala "ta' Cieda". Dan it-torri kien f'nofs għalqa msemmija għal Santa Liena u fejn il-qima lejn din il-Qaddisa Imperatriċi kienet għaddiet minn ġenerazzjoni għall-oħra. Minn taħfir li sar jirriżulta li dan it-torri kien użat fi żmien ir-Rumani, li kellu bir Ruman, u li kienu indifnu madwaru numru kbir ta' Saraċini li wħud minnhom ħallew isimhom fil-ħaġar.

Fl-1575, meta l-Viżitatur Apostoliku Pietru Duzina kien Malta, din il-Parroċċa l-antika ta' Santa Liena fl-Għargħar ġa kienet ġiet abbandunata, u aktarx li l-Karkariżi kienu bdew jgħamlu użu bħala Knisja Parrokkjali mill-Knisja ta' Santa Marija Assunta li kienet inbniet qabel il-Knisja l-Qadima tal-lum, għall-ħabta tas-Seklu XV.

* Il-Fratelli tas-Sagrament tal-Parroċċa ta' Porto Salvu (San Duminku) tal-belt, fil-Konsulta Ġenerali tagħhom tal-21 ta' Diċembru 1902, għażlu l-mudell ta' lanterni tad-Duluri ta' Birkirkara, magħmula mill-arġentier Bertu Cannataċi b'xi tibdiliet żgħar.

* Fl-1575 f'Birkirkara kien hemm 4 artali dedikati lill-Assunzjoni tal-Madonna, u żewġ Kappelli lil Marija Annunzjata. Kien hemm ukoll żewġ Knejjes tal-Madonna tas-Sokkors, waħda minnhom fil-parti ta' Birkirkara msejjħa "Msida".

* Fit-3 ta' Marzu 1941 f'Malta daħlet il-lieva. L-irġiel u l-ġuvintur kollha ta' bejn l-20 u l-21 sena li kienu f'Birkirkara, tant jekk residenti permanenti kif ukoll jekk rifuġjati għal żmien il-gwerra, f'dak il-jum ippreżentaw ir-wieħhom fl-Iskola ta' Brared Street.

* Fl-Ingress solenni ta' l-Isqof Fra Vincenz Labini fil-Belt ta' l-Imdina nhar it-8 ta'Ottubru 1780, "il-kapitlu tal-Belt ta' Birkirkara" hu msemmi b'mod speċjali billi hu l-eqdem Kapitlu wara dak tal-Katidral u għalhekk għandu l-post ta' l-unur meta l-Isqof il-ġdid jagħmel l-Ingress tiegħu. L-istess Isqof Labini kien dak li għamel il-konsagrazzjoni tal-Kolleġġjata Elenjana fl-20 ta' Otturbru 1782, u tas-Santwarju tal-madonna tal-Ħerba fit-23 ta' Marzu 1783.

* Fl-aħħar gwerra dinjija l-Uffiċċju tal-Logtenent Gvernatur u ta' l-Avukat tal-Kuruna ittieħdu mill-Belt għal Birkirkara, il-Fleur-de-Lys, fejn ġa kien hemm id-Depot tal-Pulizija. Hekk ukoll marru f'Birkirkara r-Reġistru Pub-bliku, in-Nutar tal-Gvern, id-Dipartiment tas-Saħħa (minbarra l-uffiċċju tas-C.G.M.O.), l-Uffiċċju tat-Tqassim ta' l-Ikel, l-Uffiċċju tat-Tqassim tal-Ħobż, id-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi, u l-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni.